MALTA

ATT Nru. XVI ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali.

ACT No. XVI of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Social Security Act, 1987.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

20 ta' April, 1990

ATT Nru. XVI ta' l-1990

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att Nru. X ta' l-1987.

1. (1) Dan l-Att għandu jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(a) dan l-artikolu, l-artikoli 5, 40 u 41, l-artikoli 45 sa 49 u l-artikolu 60 għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att fil-Gazzetta;

(b) l-artikoli 4, 6 u 56 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1990;

(ċ) il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 9 u l-artikolu 25 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1987;

(d) l-artikolu 36 għandu jitqies li beda jseħħ fit-2 ta' Jannar, 1988;

(e) l-artikolu 38 għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Lulju, 1989;

(f) l-artikolu 42 għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Awissu, 1989;

(ġ) il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 50 għandu jitqies li beda jseħħ fis-7 ta' Awissu, 1989; u

(ħ) l-artikoli l-oħra kollha għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-6 ta' Jannar, 1990.

Emenda ta' l-Arranġamenti ta' l-Artikoli fl-Att prinċipali.

2. L-Arranġamenti ta' l-Artikoli ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) il-partiti "33. Armla għandha tirċievi rata waħedha ta' Pensjoni Minima Nazzjonali", "35. Żieda fil-Pensjoni tar-Romol", "36. Żidiet oħra fil-Pensjoni tar-Romol", "40. Tnaqqis tal-Pensjoni ta' Superstiti", "41. Tibdil ta' Gratifikazzjoni f'pensjoni nozzjonali", "43. Tibdil ta' Gratifikazzjoni dovuta lill-armla", "58. Kif tinħadem il-gratifikazzjoni", "68. Tnaqqis tal-Pensjoni ta' Żewġ-Terzi minħabba fil-pensjoni tas-servizz", għandhom jitħassru;

(b) minflok il-partita "75. Żieda fil-pensjoni" għandhom jidħlu l-kliem "75. Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda";

(ċ) minnufih wara l-partita "102. Hlasijiet", għandha tidħol il-partita "102A. Ma jsirx ħlas ta' arretrati ta' benefiċċji, pensjonijiet jew *allowances* lil persuni li għandhom ċittadinanza doppja"; u

(d) il-partita "128. Penali mposti mid-Direttur" u l-partita li tibda bil-kliem "It-Tlettax-il Skeda" u ttemm bil-kliem "il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira ta' "gratifikazzjoni" fis-subartikolu (1) tiegħu għandha titħassar;

(b) minflok l-ewwel *proviso* li hemm fit-tifsira ta' "familja" fis-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda —

(a) għall-finijiet ta' għajnuna dwar mard mitluba dwar persuna li għandha 'l fuq minn 60 sena, flimkien ma' martu jew żewġha, jekk ikun hemm, skond il-każ, u li ħadd minnhom ma jkun f'impieg assigurabbli jew persuna li taħdem għaliha nnifisha; u

(b) għall-finijiet ta' għajnuna dwar mard dwar skizofrenja kronika fir-rigward ta' xi membru tal-familja li mhuwiex il-kap tal-familja jew martu, jekk ikun hemm,

dawk il-persuni jew dawk il-koppji, għandhom, jekk ikun ta' vantaġġ għalihom, jitqiesu bħala li jiffurmaw familja għal raġhom:"; u

(ċ) fit-tifsira ta' "jirtira" fis-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "Iżda iktar dwar persuna li" għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"Iżda iktar —

(a) dwar persuna li"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "fil-każ ta' kull persuna oħra;" għandu jiżdied dan il-paragrafu (b) ġdid li ġej:

"(b) fil-każ ta' raġel li jmut qabel ma jilħaq l-età tal-pensjoni u martu ssir intitolata għal Pensjoni ta' Superstiti skond il-*proviso* li hemm fl-artikolu 38 ta' dan l-Att, jirtira tfisser id-data meta tiġri dik il-mewt jew, jekk dik il-mewt tiġri fi żmien meta r-raġel kien jirċievi pensjoni għal invaliditá bis-saħħa ta' dan l-Att, jirtira tfisser il-jum meta r-raġel hekk sar invalidu;"; u

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "Għall-finijiet tal-għoti ta' " għandhom jidħlu l-kliem "Pensjoni ta' Superstiti, ta' ".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-*proviso* li hemm għall-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 u l-artikolu 51 ta' dan l-Att,";

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu minflok il-kliem "taħt dan l-Att; jew" għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan l-Att."; u

(ċ) il-paragrafu (f) għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel f'dan l-artikolu, fejn xi prinċipal ikun naqas jew ittraskura li jħallas xi kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi li dovut li jħallas taħt dan l-Att, hekk kif jgħaddu l-għaxart ijiem imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 119 ta' dan l-Att, u jekk il-prinċipal konċernat għadu jonqos jew jittraskura li jħallas xi kontribuzzjonijiet kurrenti dovuti taħt dan l-Att, id-Direttur jista', b'avviż mogħti lill-prinċipal u lil kull persuna impjegata ma' dak il-prinċipal, jordna illi l-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu minn dik il-persuna impjegata ma għandhomx, minn dik id-data li tista' tiġi

indikata fl-avviż, jinżammu u jitħallsu mill-prinċipal u li mill-istess data dawk il-kontribuzzjonijiet dovuti wara dik id-data għandhom jitħallsu direttament minn dik il-persuna impjegata lid-Direttur b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li d-Direttur jiddeċiedi.".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) għal kull ġimgħa kalendarja li tiġi bejn l-1 ta' April, 1978 u l-5 ta' Jannar, 1990 li matulha kienet tkun intitolata għal Pensjoni għal Invaliditá li ma kienx għall-fatt li dik il-pensjoni tkun tnaqqset għal kollox skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att kif fis-seħħ sal-5 ta' Jannar, 1990:"; u

(ii) il-*proviso* tiegħu għandu jitħassar;

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha;" fis-subparagrafu (ii) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha; jew"; u

(ii) minnufih wara s-subparagrafu (ii) tiegħu għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid (iii) li ġej:

"(iii) ikollha d-dritt għal dik il-kontribuzzjoni akkreditata bis-saħħa tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u minnufih qabel ma tkun saret persuna invalida kienet persuna li taħdem għaliha nnifisha;"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4A) Meta kontribuzzjoni tkun akkreditata taħt dan l-artikolu kontribuzzjoni waħda biss għandha tkun akkreditata lil persuna għal ġimgħa kalendarja waħda, u ebda kontribuzzjoni ma għandha tkun akkreditata għal xi ġimgħa kalendarja waħda li għaliha kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi għandha titħallas minnha jew dwarha taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "u lanqas persuna li taħdem għaliha nnifisha;" għandhom jidħlu l-kliem "hekk iżda li, fil-każ ta' persuna li fid-data tat-talba għal dik l-għajnuna tkun qiegħda tbati minn skizofrenja kronika, sew jekk din il-kondizzjoni tkun jew ma tkunx tista'

tittaffa jew titfejjaq b'dieta jew kura speċjali, jibqa' d-dritt għal Għajnuna għal Mard jekk il-persuna li tkun qiegħda tbati minn dik il-kondizzjoni ġġib prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur illi hija għandha storja ta' kura regolari li tinkludi perijodu ta' rikoveru fi sptar statali għall-mard mentali għal perijodu aggregat ta' mhux anqas minn disa' xhur matul l-aħħar tliet snin konsekuttivi;"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "il-jedd għal dik l-għajnuna dwaru" għandhom jidħlu l-kliem ", barra għajnuna bħal dik imħallsa dwar skizofrenja kronika,".

8. L-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-paragrafu (i) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) b'seħħ minn l-ewwel Sibt ta' Jannar, 1990, jekk il-pensjoni tas-servizz tagħha u r-rata ta' Pensjoni għal Invalidità applikabbli fil-każ tagħha jkunu flimkien iżjed minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha, dik il-persuna jkollha dritt għal Pensjoni għal Invalidità; hekk iżda li, meta r-rata ta' dik il-Pensjoni għal Invalidità u l-pensjoni tas-servizz tagħha jkunu flimkien iżjed mill-paga fil-ġimgħa bażika jew mis-salarju bażiku korrenti tal-kariga li dwarha tkun ingħatatilha l-pensjoni tas-servizz tagħha, dik il-persuna tkun intitolata tirċievi bħala Pensjoni għal Invalidità dik il-parti li biha jiġi żgurat li l-pensjoni tas-servizz tagħha u l-Pensjoni għal Invalidità tagħha flimkien ma jkunux iżjed mill-paga fil-ġimgħa bażika jew salarju bażiku korrenti msemmija qabel tal-kariga li dwarha l-pensjoni tas-servizz tagħha tkun ingħatat; jew"; u

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "tkun intitolata għal Pensjoni Minima Nazzjonali." għandhom jidħlu l-kliem "tkun intitolata taħt dan l-artikolu għal Pensjoni Minima Nazzjonali, li l-ogħla rata tagħha tkun ekwivalenti għal erba' kwinti ta' Lm32.88 fil-każ ta' raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu u żewġ terzi ta' Lm32.88 fil-każ ta' xi persuna oħra.".

9. L-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

(a) fit-test Malti tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "handikappata severament" għandhom jidħlu l-kliem "gravement handikappata"; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "Lm2" għandhom jidħlu l-kliem "Lm2.20".

10. Minnufih wara s-subartikolu (8) ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid (8A) li ġej: Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

"(8A) Kap ta' familja li jiddaħħal f'ċentru komunitarju terapewtiku għar-rijabilitazzjoni tad-drogati f'Malta hekk kif jista'

minn żmien għal żmien ikun rikonoxxut mill-Ministru għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, u li, li kieku ma kienx għal fatt li jkun iddaħħal f'dak il-post, kien ikun intitolat għal għajnuna taħt dan l-artikolu, ikun intitolat jirċievi *allowance* ta' Lm2.20 fil-ġimgħa sakemm ikun għadu residenti f'ċentru kif imsemmi qabel u sakemm ma jkunx hemm ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu jew dawk tal-familja tiegħu li kienu mod ieħor jiskwalifikawh milli jirċievi Għajnuna Soċjali li kieku kien jgħix mal-familja tiegħu u mhux f'dak iċ-Ċentru.".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet li hemm fih għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid fuq imsemmi, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 96 ta' dan l-Att, armla taħt l-età ta' 60 sena li tkun qegħda tieħu ħsieb binha jew bintha xorta tibqa' intitolata għal pensjoni li titħallas taħt din it-Taqsima filwaqt li tkun qegħda taħdem bi qliegħ u d-dħul tagħha minn dak ix-xogħol bi qliegħ ma jkunx iżjed minn medja ta' Lm32.88 fil-ġimgħa:

Iżda meta dak id-dħul ikun iżjed minn Lm32.88 fil-ġimgħa r-rata tagħha ta' dik il-pensjoni, flimkien ma' kull Pensjoni Supplimentari li titħallas taħt din it-Taqsima, għandha titnaqqas b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn id-dħul medju tagħha fil-ġimgħa u Lm32.88.".

Tħassir ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

12. L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

13. L-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "bir-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem ", li l-ogħla rata tagħha tkun ekwivalenti għal żewġ terzi ta' Lm32.88,";

(b) minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33, jekk dik l-armla" għandhom jidħlu l-kliem "Jekk dik l-armla"; u

(ċ) minflok il-kliem "dik tal-Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "dik tal-Pensjoni Minima Nazzjonali msemmija qabel".

Tħassir ta' l-artikoli 35 u 36 ta' l-Att prinċipali.

14. L-artikoli 35 u 36 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

15. Fl-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "minflok il-Pensjoni tar-Romol." għandhom jidħlu l-kliem "minflok kull pensjoni oħra li titħallas taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima:

Iżda b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1990 id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' armla li r-raġel tagħha fid-data tal-mewt tiegħu kien għadu ma rtirax iżda li qabel dik il-mewt kien persuna mpjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha għal mhux inqas minn għaxar snin b'kollox u kien ħallas ir-rata ta' kontribuzzjonijiet xierqa taħt dan l-Att f'kull żmien wara l-21 ta' Jannar, 1979; u għall-finijiet ta' dan il-*proviso*, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

16. Fl-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "lill-pensjonant il-mejjet" u "l-pensjonant il-mejjet" kull fejn jinsabu, u "mill-pensjonant il-mejjet" għandhom rispettivament jidħlu l-kliem "lir-raġel li miet", "ir-raġel li miet" u "mir-raġel li miet".

Thassir ta' l-artikoli 40, 41 u 43 ta' l-Att prinċipali.

17. L-artikoli 40, 41 u 43 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

18. L-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tieni proviso li jinsab mas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "ma' l-impieg tiegħu;" għandhom jidħlu l-kliem "ma' l-impieg tiegħu."; u

(ii) il-kliem minn "u meta l-armla" sa u nkluż l-kliem "ta' l-imsemmija gratifikazzjoni." għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

19. Fl-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "jew Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda".

Emenda ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali.

20. L-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "għal Pensjoni għal Min Jirtira" għandhom jidħlu l-kliem "għal pensjoni taħt din it-Taqsima"; u

(b) minflok il-kliem "għal Pensjoni tar-Romol" għandhom jidħlu l-kliem "għal pensjoni".

Emenda ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali.

21. Fl-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "għal Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda".

Thassir ta' l-artikolu 58 ta' l-Att prinċipali.

22. L-artikolu 58 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali.

23. Fl-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "għandu jkollha dritt għal Pensjoni Minima Nazzjonali." għandhom jidħlu l-kliem "għandu jkollha dritt taħt din it-Taqsima għal Pensjoni Minima Nazzjonali, li l-ogħla rata tagħha tkun ekwivalenti għal erba' kwinti ta' Lm32.88 fil-każ ta' raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu u żewġ terzi ta' Lm32.88 fil-każ ta' kull persuna oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali.

24. Fl-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "jew Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda".

Emenda ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

25. Fit-test Malti ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "tal-perjodu" għandhom jidħlu l-kliem "tul perijodu".

Emenda ta' l-artikolu 65 ta' l-Att prinċipali.

26. Fl-artikolu 65 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Lm34.20,0", "Lm29.88,0" u "Lm105.77,0" għandhom jidħlu l-kliem "Lm39.45", "Lm32.88" u "Lm108.77", rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali.

27. Minflok l-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tnaqqis tal-Pensjoni taż-Żewġ-Terzi minħabba fil-pensjoni tas-servizz.

67. Meta persuna jkollha dritt għal pensjoni tas-servizz, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 69 u 70 ta' din it-Taqsima għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-pensjoni tas-servizz.".

Tħassir ta' l-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali.

28. L-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali.

29. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-imsemmija kariga" għandhom jidħlu l-kliem "l-aħħar kariga li fuqha d-dħul pensjonabbli tiegħu kien ġie komputat"; u

(b) fit-tieni *proviso* tiegħu, minnufih wara l-kliem "Iżda iktar għall-finijiet ta' dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem ", imma bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 65 ta' dan l-Att,".

Emenda ta' l-artikolu 75 ta' l-Att prinċipali.

30. L-artikolu 75 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali tiegħu għandha tidħol din li ġejja: "Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda"; u

(b) minflok is-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu u li għandu dritt għal Pensjoni Minima Nazzjonali bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 60 u 61 ta' dan l-Att għandu, minflok dik il-pensjoni iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin u skondhom, ikun intitolat għal Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda jew għal dik il-parti minnha, jekk ikun hemm, li tkun tiżgura li r-rata tiegħu ta' dik il-pensjoni ma tkunx iżjed minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(i) id-dħul pensjonabbli hemm imsemmi għandu, f'kull każ individwali, jiġi sostitwit b'seħħ mill-ewwel Sibt tas-sena li dwarha jkun dovut xi ħlas taħt dan l-artikolu bil-mod provdut bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 71 ta' dan l-Att, irrispettivament mid-data meta persuna tirtira, u

(ii) il-proporzjon ta' żewġ-terzi hemm imsemmi għandu, meta l-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena aċċertati in konnessjoni mat-talba għal pensjoni taħt din it-Taqsima jkun inqas minn ħamsin, jiġi moltiplikat bil-proporzjon li dik il-medja fis-sena għandha għal 50, u r-riżultat ta' din il-moltiplikazzjoni għandu jissostitwixxi l-imsemmi proporzjon ta' żewġ-terzi.".

Emenda ta' l-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali.

31. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Lm2" għandhom jidħlu l-kliem "Lm2.20".

Emenda ta' l-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali.

32. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "Lm3.00,0" għandhom jidħlu l-kliem "Lm3.30"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "Lm4.90,0" għandhom jidħlu l-kliem "Lm5.40".

Emenda ta' l-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali.

33. Fl-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Lm55" għandhom jidħlu l-kliem "Lm60.50".

Emenda ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali.

34. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Lm5.50,0" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "Lm6.05".

Emenda ta' l-artikolu 82A ta' l-Att prinċipali.

35. Fil-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 82A ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem minn "mhux probabbli" sa u inklużi l-kliem "taħt dan l-artikolu," għandhom jidħlu l-kliem "ma jeċċedix Lm2600 matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena kalendarja li fiha talba għal *Allowance* ta' Ġenitur taħt dan l-artikolu ssir jew titħallas, kif ikun il-każ,".

Emenda ta' l-artikolu 83A ta' l-Att prinċipali.

36. It-test Malti ta' l-artikolu 83A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "paraliżi" għandha tidħol il-kelma "*palsy*"; u

(b) minflok il-kelma "severament" kull fejn tinstab għandha tidħol il-kelma "gravement".

Emenda ta' l-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali.

37. Fl-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "jew Għajnuna Soċjali" għandhom jidħlu l-kliem "(minbarra dik imħallsa

bħala *allowance* taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8A) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att)".

Emenda ta' l-artikolu 95 ta' l-Att prinċipali.

38. L-artikolu 95 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem minn "Pensjoni għall-Għomja" sa u nkluży l-kliem "ta' dan l-Att rispettivament," għandhom jidħlu l-kliem "Għajnuna Soċjali u Pensjoni ta' l-Età mħallsa taħt dan l-Att,";

(b) fil-paragrafu (b) tal-proviso tiegħu, minflok il-kliem "bid-90% jew aktar." għandhom jidħlu l-kliem "bid-90% jew aktar;" u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tal-proviso tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid (ċ) li ġej:

"(ċ) b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 1989, persuna li tkun għalqet l-età ta' 60 sena li tkun miċħuda, jew tista' tiċċaħħad, milli tirċievi Pensjoni ta' l-Età taħt dan l-Att minħabba fid-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 77 ta' dan l-Att, ma għandhiex titqies li tikkwalifika għal Pensjoni għal Handikappati jew Pensjoni għall-Għomja skond l-artikolu 27 ta' dan l-Att ħlief jekk dik il-persuna tista' ġġib prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li kienet qegħda tbati minn sub-normalità mentali severa jew li kienet persuna gravement handikappata jew li kienet persuna għamja skond dan l-Att qabel ma laħqet l-età ta' 60 sena tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 96 ta' l-Att prinċipali.

39. L-artikolu 96 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jkollu jbati konsegwenzi serji:" għandhom jidħlu l-kliem "jkollu jbati konsegwenzi serji.", u l-proviso tiegħu għandu jitħassar; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta jkun ir-raġel jew il-mara ta' dik il-persuna li jkollha jew kellha pusses ta' dik il-liċenza, dik il-persuna xorta tibqa' intitolata li tirċievi il-pensjoni tiegħu jew tagħha, skond il-każ, jekk in-negozju li dwaru tkun il-liċenza qatt ma kien gestit minn dik il-persuna u lanqas ma kienet il-liċenza dwar in-negozju innifisha qatt maħruġa f'isem dik il-persuna, jew meta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-miżżewġin kienet ġiet xjolta b'konsegwenza tas-separazzjoni legali tagħhom jew meta, qabel is-separazzjoni tagħhom, il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ġiet eskluża.".

Emenda ta' l-artikolu 101 ta' l-Att prinċipali.

40. L-artikolu 101 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fiż-żmien preskritt, jekk ikun il-każ," għandhom jidħlu l-

kliem "fil-limiti ta' żmien rispettivi mniżżla fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' Benefiċċju għal Mard u Benefiċċju għal Korriment, għaxart ijiem li jibdew jgħoddu mill-ewwel jum ta' inkapaċità għax-xogħol;

(b) fil-każ ta' Benefiċċju għad-Disimpieg, Benefiċċju Speċjali għad-Disimpieg, Għajnuna Soċjali, Għajnuna Medika, Pensjoni ta' l-Età, Pensjoni għal Handikappati, Pensjoni għall-Għomja, xi pensjoni dwar invaliditá, jew *Allowance* ta' Ġenitur, ħamest ijiem li jibdew jgħoddu mill-jum li dwaru ssir it-talba;

(ċ) fil-każ ta' Għotja taż-Żwieġ, Benefiċċju dwar il-Maternità, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* Speċjali, *Allowance* għal Tifel Haddikappat jew xi pensjoni għal min jirtira jew dwar ir-romol, sitt xhur li jibdew jgħoddu minn —

(i) il-jum li fih l-iben jew il-bint titwieled, dwar Benefiċċju dwar il-Maternità, *Allowance* tat-Tfal u *Allowance* għal Tifel Handikappat;

(ii) il-jum li fih il-persuna li dwarha qed issir it-talba tilħaq is-sittax-il sena, fil-każ ta' *Allowance* Speċjali;

(iii) il-jum li fih il-persuna konċernata tilħaq l-irtir tagħha, fil-każ ta' xi pensjoni għal min jirtira;

(iv) il-jum li fih il-mara konċernata ssir armla, fil-każ ta' xi pensjoni dwar ir-romol; u

(v) il-jum taż-żwieġ, fil-każ ta' Għotja taż-Żwieġ:

Iżda jekk ma ssir l-ebda talba għal xi benefiċċju, pensjonijiet, *allowances* jew għajnuna msemmijin qabel fil-limiti ta' żmien imsemmijin qabel, id-dritt għal dawk il-benefiċċji, pensjonijiet, *allowances* u għajnuna jibda jgħodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tasal għand id-Direttur; ħekk iżda li fil-każ ta' Għotja taż-Żwieġ l-ebda dritt għal dak il-benefiċċju ma jibqa' jgħodd wara li jgħaddi l-perijodu imsemmi fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu."; u

(ċ) minnufih wara is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Meta f'xi żmien qabel it-23 ta' Frar, 1990 xi persuna tkun għamlet lid-Direttur talba għal *Allowance* tat-Tfal jew *Allowance* Speċjali taħt dan l-Att u, għal xi raġuni hi liema hi, dik l-*allowance* baqgħet mhix imħallsa jew sospiża sad-data imsemmija qabel f'dan is-subartikolu dik il-persuna tista', minkejja illi dik il-persuna kienet naqset li tappella lil Arbitru maħtur taħt dan l-Att jew li tieħu xi azzjoni oħra li tagħtiha l-liġi, tagħmel talba ġdida lid-Direttur għal dik l-*allowance* mhux aktar tard mit-30 ta' April, 1990. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 102 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għat-talba li tat lok għal dik it-talba ġdida, u jekk ma ssir l-ebda talba ġdida bħal dik hekk kif imsemmija qabel, dik l-*allowance* ma għandhiex titħallas taħt dan l-Att fir-rigward ta' kull perijodu li jiġi qabel it-23 ta' Frar, 1990:

Iżda d-dispożizzjonijiet imsemmija qabel f'dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' talba għal *Allowance* tat-Tfal magħmula dwar xi tifel jew tifla li twieldu fit-23 ta' Awissu, 1989 jew wara, iżda f'kull każ bħal dan id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 102 ta' dan l-Att għandhom minkejja kollox japplikaw.".

Emenda ta' l-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali.

41. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan l-Att, kull talba għal ħlas ta' xi benefiċċju, pensjoni, għajnuna jew *allowance* taħt dan l-Att ma għandhiex titħallas bl-arretrati għal perijodu ta' iżjed minn sitt xhur, kif jista' jiddeċiedi d-Direttur, jekk l-istima dwar dik it-talba inżammet lura bħala riżultat tan-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att minn naħa ta' min ikun għamel it-talba.".

Żieda ta' artikolu ġdid 102A ma' l-Att prinċipali.

42. Minnufih wara l-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali għandu jiddaħħal dan l-artikolu ġdid 102A li ġej:—

"Ma jsirx ħlas ta' arretrati ta' benefiċċji, pensjonijiet, għajnuna jew *allowances* lil persuni li għandhom ċittadinanza doppja.

102A. Meta xi benefiċċji, pensjoni, għajnuna jew *allowance* imħallsa taħt dan l-Att teħtieġ sew speċifikament, b'implikazzjoni jew b'inferenza li min jagħmel it-talba jew il-persuna li dwarha dak il-benefiċċju, pensjoni, għajnuna jew *allowance* jitħallas għandu jkun ċittadin ta' Malta, it-talbiet għal dawk il-benefiċċji, pensjonijiet, għajnuna jew *allowances* minn dawk il-persuni li jkollhom ċittadinanza doppja bis-saħħa ta' l-artikolu 27 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma għandhomx jintlaqgħu meta dawn isiru għal perijodi qabel l-1 ta' Awissu, 1989.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 105 ta' l-Att prinċipali.

43. Minflok l-artikolu 105 ta' l-Att prinċipali għandu jiddaħħal dan li ġej:

"Ħlas lura ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna indebitament imħallsin.

105. Ħlief kif dispost fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 102 ta' dan l-Att, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr pregudizzju għal kull

dritt ieħor li ttih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan:

Iżda —

(i) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kienux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur iżda fl-ebda każ ma għandu jkun anqas mill- ekwivalenti ta' 30% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan; u

(ii) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant konċernat, skond kif ikun il-każ, jitlob illi rata oġħla ta' tnaqqis tiġi effettwata; iżda ħekk illi fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar perijodu ta' ħlas żejjed li ma jaqgħux fil-perijodu ta' sentejn konsekuttivi li jmorru lura mid-data li fiha d-Direttur isir jaf b'dak il-ħlas żejjed.".

Emenda ta' l-artikolu 109 ta' l-Att prinċipali.

44. Il-proviso li hemm mal-paragrafu (ċ) fl-artikolu 109 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "Benefiċċju għal Korriment" għandhom jitħassru; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu (aa) ġdid li ġej:

"(aa) jekk it-talba hi għal Benefiċċju għal Korriment u il-perijodu ta' inkapaċità għax-xogħol li jirriżulta minnha jeċċedi għaxart ijiem ta' benefiċċju, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan il-proviso għandhom japplikaw, u meta l-perijodu ta' inkapaċità għax-xogħol ma jeċċedix għaxart ijiem ta' benefiċċju, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso għandhom japplikaw;".

Emenda ta' l-artikolu 117 ta' l-Att prinċipali.

45. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 117 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-artikoli 116, 119, 120, 122, 128" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 116,120, 122".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 119 ta' l-Att prinċipali.

46. Minflok l-artikolu 119 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Nuqqas ta' prinċipal jew ta' persuna li timpjega lilha nnifisha li tħallas kontribuzzjonijiet.

119. (1) Jekk xi prinċipal jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li dwarha d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 ta' dan l-Att japplikaw, tonqos jew titraskura li tħallas fiż-żmien preskritt xi kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi, kif ikun il-każ,li tkun suġġetta li tħallas taħt dan l-Att, għandha tkun dovuta kontribuzzjoni addizzjonali ekwivalenti għal —

(a) 10% tal-valur totali ta' dawk il-kontribuzzjonijiet mhux imħallsin, dwar kontribuzzjonijiet dovuti taħt dan l-Att f'kull żmien qabel it-3 ta' Lulju, 1989; u

(b) 5% tal-valur totali ta' dawk il-kontribuzzjonijiet mhux imħallsin, dwar kontribuzzjonijiet dovuti taħt dan l-Att f'kull żmien wara t-2 ta' Lulju, 1989;

u din il-kontribuzzjoni addizzjonali għandha titħallas minnha lid-Direttur:

Iżda meta l-perijodu ta' dawk il-kontribuzzjonijiet mhux imħallsin ikun jaħbat bejn is-7 ta' Mejju, 1956 u l-1 ta' Jannar, 1989, jekk dawk il-kontribuzzjonijiet mhux imħallsin ikunu effettivament imħallsin f'xi żmien bejn l-1 ta' April, 1989 u t-30 ta' April, 1990, iż-żewġ ġranet inklużi, dawk il-kontribuzzjonijiet addizzjonali msemmijin qabel li jistgħu jitħallsu minnu lid-Direttur skond dan is-subartikolu, għandhom sussegwentement jingħataw lura lill-prinċipal jew lill-persuna li timpjega lilha nnifisha, kif ikun il-każ, jekk dawk il-kontribuzzjonijiet kollha mhux imħallsin fil-fatt jitħallsu sa u inkluż it-30 ta' April, 1990, u kull kontribuzzjoni dovuta taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għall-perijodu bejn it-2 ta' Jannar, 1989 u t-30 ta' April, 1990, iż-żewġ ġranet inklużi, tkun ukoll debitament imħallsa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fid-data meta xi kontribuzzjonijiet mhux imħallsin kif imsemmi qabel f'dan il-*proviso* effettivament jitħallsu skond dan il-*proviso*.

Iżda wkoll fil-każ meta persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li dwarha d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att japplikaw, iġġib prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li fiż-żmien meta dawk il-kontribuzzjonijiet kienu dovuti hija kienet imsiefra jew qegħda l-isptar, iż-żmien preskritt imsemmi qabel għandu jittawwal sal-31 jum mill-miġja lura tagħha f'Malta jew minn meta tkun ħarġet mill-isptar, kif ikun il-każ.

(2) (a) Meta prinċipal jew persuna bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tonqos milli tħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti minnu flimkien mal-kontribuzzjoni addizzjonali msemmija qabel fi żmien tliet xhur miż-żmien preskritt imsemmi qabel, id-Direttur jista', mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li huwa jkollu, permezz ta' ittra ġudizzjarja li tiġi notifikata lil dik il-persuna li għandha tħallas dawk il-kontribuzzjonijiet jew kontribuzzjonijiet addizzjonali, jitlob dak il-ħlas, u man-

notifika ta' dik l-ittra ġudizzjarja, it-talba tad-Direttur kif magħmula f'dik l-ittra ġudizzjarja għandha, wara li jiskadu għaxart ijiem minn dik in-notifika, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I ta' It-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ħlief jekk il-persuna li lilha jiġi notifikat ma ġġibx 'il quddiem, fi żmien l-imsemmi perijodu ta' għaxart ijiem jew dak il-perijodu addizzjonali, li ma jkunx ta' aktar minn tletin jum, hekk kif il-qorti ċivili kompetenti tista' tistabbilixxi wara li tintwera kawża ġusta biex isir dan, sfida għal dik it-talba permezz ta' rikors kontra d-Direttur quddiem il-qorti ċivili kompetenti.

(b) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta ta' l-ilment, il-fatti li minnhom jinqala' l-ilment u r-raġunijiet għaliex dak l-ilment għandu jintlaqa'.

(ċ) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduċi b'sustenn tat-talba tiegħu, u għandu jagħti fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun fi ħsiebu jipproduċi fejn igħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bil-ħsieb li jagħmel.

(d) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed is-smiegħ tar-rikors għal data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data li fiha jiġi ppreżentat ir-rikors.

(e) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smiegħ, għandhom jiġu notifikati lid-Direttur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Direttur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għalih fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.

(f) Id-Direttur għandu, fir-risposta tiegħu, igħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti murija fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; huwa għandu wkoll jagħti fir-risposta tiegħu l-ismijiet tax-xhieda b'sustenn għar-raġunijiet tiegħu u għandu jehmeż magħha d-dokumenti kollha b'sustenn ta' dan.

(g) Fil-jum stabbilit għas-smiegħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkonsidra l-punti ta' fatt u tal-liġi li jistgħu jiġu aċċertati biss mir-rikors, mir-risposta jew mid-dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xhieda indikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skond il-każ, jew mit-trattazzjoni verbali ta' kull waħda mill-partijiet.

(h) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sal-konklużjoni għeluq ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smiegħ oriġinali tar-rikors, u ma għandu jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ

partijiet jew għal raġuni eċċezzjonali li tiġi reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata ma tkunx iktar tard minn kemm ikun ġustifikat għal dik ir-raġuni.

(i) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) dwar il-proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-talba tad-Direttur għal xi ammont dovut bħala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taħt dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileġġata, fil-każ ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bħall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-prinċipal u, fil-każ ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha konċernata u għandha titħallas bi preferenza fuq it-talbiet l-oħra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileġġati jew ipotekarji.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, avviż mid-Direttur lil xi prinċipal jew persuna li timpjega lilha nnifisha li juri n-numru u l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li dak il-prinċipal jew persuna li timpjega lilha nnifisha ikun naqas jew ittraskura li jħallas ikun, sakemm ma jiġix ippruvat kuntrarju, prova biżżejjed li l-ammont fuq l-imsemmi avviż huwa l-ammont li għandu jitħallas lid-Direttur mill-prinċipal jew mill-persuna li timpjega lilha nnifisha konċernata.".

Emenda ta' l-artikolu 123 ta' l-Att prinċipali.

47. Fl-artikolu 123 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "minn 119 sa 121" għandhom jidħlu l-kliem "120 u 121".

Tħassir ta' l-artikolu 128 ta' l-Att prinċipali.

48. L-artikolu 128 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 130 ta' l-Att prinċipali.

49. Minnufih wara l-artikolu 130 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda meta persuna impjegata tonqos li tħallas xi kontribuzzjonijiet skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, dak in-nuqqas ta' ħlas għandu, meta dik il-persuna impjegata tkun irċeviet il-pagi dovuti lilha, dejjem jitqies li jkun ħtija tal-persuna impjegata.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

50. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu 3 tal-Parti I tagħha, minnufih wara l-kliem "kull pensjoni oħra" għandhom jidħlu l-kliem "(li ma tkunx pensjoni mħallsa bis-saħħa ta' l-artikolu 16A ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta)"; u

Kap. 207.

(b) fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu 5 tal-Parti II tagħha, minflok il-kliem "żewġ terzi" għandhom jidħlu l-figuri "69.7%".

51. Minflok it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"IT-TIELET SKEDA

Artikoli 18, 28, 29, 30.

Rata ta' Benefiċċju għal Mard, Benefiċċju għal Disimpieg, Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg u Benefiċċju għal Korriment u għall-Inkapaċità

Parti I

A. Benefiċċju għal Mard u Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg

Numru ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati fis-sena ta' kontribuzzjoni relattiva	Rata ta' Kuljum tal-Benefiċċju għal Mard jew Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg	
	Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata shiha) ...	3.90,0	2.40,0
40 – 49	3.45,0	2.15,0
30 – 39	2.70,0	1.65,0
20 – 29	1.95,0	1.20,0

B. Benefiċċju għal Disimpieg

Numru ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati fis-sena ta' kontribuzzjoni relattiva	Rata ta' Kuljum għal Benefiċċju għal Disimpieg	
	Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata shiha) ...	2.25,0	1.35,0
40 – 49	2.00,0	1.20,0
30 – 39	1.55,0	0.95,0
20 – 29	1.10,0	0.70,0

C Benefiċċju għal Korriment

Xorta ta' Benefiċċjarju	Rata ta' Kuljum ta' Benefiċċju għal Korriment	
	Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
Min ikollu tmintax-il sena jew iżjed	6.10,0	4.50,0
Min ikollu taħt it-tmintax-il sena	3.65,0	2.05,0

Parti II

Ammonti ta' Gratifikazzjoni għal Inkapaċità

Grad ta' Inkapaċità	Ammont ta' Gratifikazzjoni
%	Lm c m
1	53.00,0
2	106.00,0
3	159.00,0
4	212.00,0
5	265.00,0
6	318.00,0
7	371.00,0
8	424.00,0
9	477.00,0
10	530.00,0
11	583.00,0
12	636.00,0
13	689.00,0
14	742.00,0
15	795.00,0
16	848.00,0
17	901.00,0
18	954.00,0
19	1,007.00,0

Parti III

L-Oghla Rati ta' Pensjoni għall-Inkapaċità

Rati fil-Ġimgħa	
Min ikollu 18-il sena jew iżjed	Min ikollu taħt it-18-il sena
Lm c m 14.60,0	Lm c m 7.30,0

.".

Emenda tal- Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

52. Fil-Parti I tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, minnufih wara l-partita 6 għandha tidħol din il-partita ġdida 6A li ġejja:

"6A. Skizofrenja kronika.".

Sostituzzjoni tas-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

53. Minflok is-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IS-SITT SKEDA

Artikoli 27, 30, 77.

Parti I

Rata ta' Skala ta' Għajnuna Soċjali

Numru ta' Membri fil-familja	Meta *allowance* tat-tfal ma tiħallas dwar xi tifel jew tifla	Meta *allowance* tat-tfal tiħallas dwar tifel wieħed jew tifla waħda	Meta *allowance* tat-tfal tiħallas dwar żewġt itfal	Meta *allowance* tat-tfal tiħallas dwar tlett itfal
	Lm c m	Lm c m	Lm c m	Lm c m
1	15.95,0	—	—	—
2	18.70,0	16.60,0	—	—
3	21.35,0	19.25,0	17.70,0	—
4	23.75,0	21.70,0	20.20,0	19.25,0
5	26.20,0	24.10,0	22.55,0	21.60,0

Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun jeċċedi 5 ir-rati li hemm indikati għal familja ta' 5 għandhom jiżdiedu b'Lm1.65 għal kull membru għar-rigward tas-sitt membru u l-membri l-oħra sussegwenti f'dik il-familja. Għall-finijiet ta' din il-Parti, "*allowance* tat-tfal" tfisser xi waħda jew kull *allowance* li jitħallsu skond il-paragrafi (i), (ii) u (iii) tal-artikolu 83 ta' dan l-Att.

Parti II

Rati ta' Pensjoni ta' l-Età

A. Irġiel Miżżewġin

Kategorija	Rata ta' Pensjoni fil-ġimgħa	
	Meta l-mara tkun tikkwalifika wkoll għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77	Meta l-mara ma tkunx tikkwalifika wkoll għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77
	Lm c m	Lm c m
Meta l-mezzi fis-sena tal-koppja —		
ma jaqbżux Lm125	25.10,0	12.55,0
jaqbżu Lm125 iżda mhux Lm225	21.45,0	10.75,0
jaqbżu Lm225 iżda mhux Lm325	17.60,0	8.80,0
jaqbżu Lm325 iżda mhux Lm425	13.40,0	6.70,0
jaqbżu Lm425 iżda mhux Lm525	8.90,0	4.45,0
jaqbżu Lm525 iżda mhux Lm625	4.05,0	2.05,0
jaqbżu Lm625	Ebda pensjoni	Ebda pensjoni

B. Nisa Miżżewġin li r-raġel tagħhom ma jkunx jikkwalifika għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77

Kategorija	Rata ta' Pensjoni fil-Ġimgħa
	Lm c m
Meta l-mezzi fis-sena tal-koppja —	
ma jaqbżux Lm125	12.55,0
jaqbżu Lm125 iżda mhux Lm225 .	10.75,0
jaqbżu Lm225 iżda mhux Lm325 .	8.80,0
jaqbżu Lm325 iżda mhux Lm425 .	6.70,0
jaqbżu Lm425 iżda mhux Lm525 .	4.45,0
jaqbżu Lm525 iżda mhux Lm625 .	2.05,0
jaqbżu Lm625	Ebda pensjoni

C. Persuni Romol jew wahedhom

Kategorija	Rata ta' Pensjoni fil-Ġimgha
	Lm c m
Meta l-mezzi fis-sena tal-persuna—	
ma jaqbżux Lm75	15.95,0
jaqbżu Lm75 iżda mhux Lm125 .	13.80,0
jaqbżu Lm125 iżda mhux Lm175 .	11.60,0
jaqbżu Lm175 iżda mhux Lm225 .	9.20,0
jaqbżu Lm225 iżda mhux Lm275 .	6.45,0
jaqbżu Lm275 iżda mhux Lm325 .	3.25,0
jaqbżu Lm325	Ebda pensjoni

Parti IIA

Rati ta' Pensjoni għall-Handikappati u Pensjoni għall-Ghomja

A. Irġiel Miżżewġa

Kategorija	Rata ta' Pensjoni fil-Ġimgħa
	Lm c m
Meta l-mara tkun tikkwalifika wkoll għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77	25.10,0
Meta l-mara ma tkunx tikkwalifika wkoll għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77	12.55,0

B. Persuni li m'humiex irġiel miżżewġa

Kategorija	Rata ta' Pensjoni fil-Ġimgħa
	Lm c m
Nisa miżżewġa li l-irġiel tagħhom ma jkunux jikkwalifikaw għal pensjoni skond l-artikoli 27 jew 77	12.55,0
Persuni romol jew wahedhom	15.95,0

Parti III

Kera tad-Dar

Ir-rati li jinsabu fil-Partijiet I, II u IIA ta' din l-Iskeda għandhom jiżdiedu b'50 ċenteżmu fil-ġimgħa jekk il-familja tkun qegħda tħallas kera għall-fond normali tagħha fejn tkun qegħda toqgħod:

Iżda, meta iktar minn familja waħda tkun qed tgħix fl-istess fond, l-*allowance* tal-kera għandha titħallas darba biss u għandha titħallas lill-kap tal-familja li jkun responsabbli għall-ħlas ta' din il-kera lil terzi persuni.

Iċ-ċens li jitħallas minn familja dwar fond miżmum b'ċens għal perijodu ta' mhux iktar minn ħamsa u għoxrin sena għandu jitqies bħala kera tad-dar għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jekk dan il-fond ikun qiegħed jintuża esklużivament mill-familja u biss bħala residenza tagħha.".

Emenda tat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

54. Fil-Parti I tat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, minflok il-figuri "22.25", "25.00", "27.80", "30.55" u "33.35" rispettivament għandhom jidħlu l-figuri "25.25", "28.00", "30.80", "33.55" u "36.35".

Sostituzzjoni tad-Disa' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

55. Minflok id-Disa' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"ID-DISA' SKEDA

Artikolu 25

Ammonti ta' Għajnuna għal Mard, Għotja għal Ħalib, Għajnuna dwar il-Lebbra u Għajnuna dwar it-Tuberkuloži

		Rata fil-ġimgħa Lm
1.	Għajnuna għal Mard—	
	(i) dwar l-ewwel membru tal-familja	3.95
	(ii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja	2.00
2.	Għotja għal Ħalib	2.30
3.	Għajnuna dwar il-Lebbra—	
	(i) dwar il-kap ta' familja li jkun lebbruż	8.00
	(ii) dwar kull membru ieħor tal-familja li jkun lebbruż u li dan ma jkunx jaħdem bi qliegħ—	
	(a) jekk taħt is-16-il sena	2.40
	(b) jekk ikollu 16-il sena jew iktar ..	8.00
	(iii) dwar kull membru ieħor ta' familja li ma jkunx jaħdem bi qliegħ	2.40

4. Għajnuna dwar it-Tuberkulożi —

(i)	l-ammont bażiku ta' Għajnuna dwar it-Tuberkulożi li jitħallas dwar familja li membru tagħha huwa milqut bit-tuberkulożi	5.05
(ii)	*allowance* li titħallas dwar kull membru ta' familja ieħor li jkun milqut bit-tuberkulożi jew partikolarment suġġett għat-tuberkulożi	1.10.".

56. Minflok l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"L-GĦAXAR SKEDA

Artikoli 7 u 10

Rata ta' Kontribuzzjonijiet

Parti I

Kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi
(Persuni Mpjegati)

Kategorija	Xorta ta' persuna mpjegata	Rata fil-ġimgħa ta' kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-persuna mpjegata u mill-prinċipal tagħha
A.	Persuni taħt it-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'E' hawn isfel imsemmija)	Lm1.51
B.	Persuni li għalqu t-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'F' hawn isfel imsemmija) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma jkunx jeċċedi Lm32.88,0	Lm2.74
Ċ.	Persuni li għalqu t-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'F' hawn isfel imsemmija) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ikun jeċċedi Lm32.88,0 iżda ma jkunx jeċċedi Lm108.77,0	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tal-paga bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar.

Kategorija	Xorta ta' persuna mpjegata	Rata fil-ġimgħa ta' kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-persuna mpjegata u mill-prinċipal tagħha
D.	Persuni li għalqu t-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'F' hawn isfel imsemmija) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ikun jeċċedi Lm108.77,0	Lm9.06
E.	Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Skular-Ħaddiem, l-Iskema Student-Ħaddiem jew skemi oħrajn simili (inkluż l-*Extended Skills Training Schemes*, iżda esklużl-Iskemi ta' Ħaddiem-Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li għalihom ikunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm1.51,0.
F.	Persuni li għalqu t-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Skular-Ħaddiem, l-Iskema Student-Ħaddiem jew skemi oħrajn simili (inkluż l-*Extended Skills Training Schemes*, iżda esklużl-Iskemi ta' Ħaddiem-Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li għalihom ikunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm2.74,0.

Parti II

Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
(Persuni li jimpjegaw lilhom infushom)

Kategorija	Xorta ta' persuna li timpjega lilha nnifisha	Rati ta' Kontribuzzjonijiet fil-ġimgħa li jitħallsu minn persuna li timpjega lilha nnifisha
	Persuni li d-dħul nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' benefiċċju ta' maternità, *allowance* tat-tfal u kull benefiċċju *ex gratia* imħallas taħt l-artikolu 93A ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni —	
A.	ma jaqbiżx Lm1,640	Lm 4.30
B.	jaqbeż Lm1,640 iżda mhux Lm2,170	Lm 5.60
Ċ.	jaqbeż Lm2,170 iżda mhux Lm2,700	Lm 6.90
D.	jaqbeż Lm2,700 iżda mhux Lm3,230	Lm 8.20
E.	jaqbeż Lm3,230 iżda mhux Lm3,760	Lm 9.45
F.	jaqbeż Lm3,760 iżda mhux Lm4,500	Lm11.25
G.	jaqbeż Lm4,500	Lm13.60

".

Emenda tal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

57. Fil-paragrafu 2 tal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew pensjoni minima nazzjonali" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "jew pensjoni minima nazzjonali miżjuda".

Sostituzzjoni tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

58. Minflok it-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TNAX-IL SKEDA

Artikoli 26, 31, 37, 53, 60, 75, 78.

Rati ta' diversi tipi ta' Pensjonijiet

A. Pensjoni għal Min Jirtira

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni għal Min Jirtira			
	Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu pensjoni tas-servizz li titħallas minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit		Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu pensjoni tas-servizz li MA titħallasx minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit	
	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m	Lm c m	Lm c m
50 jew iktar (rata sħiħa)	21.55,0	13.20,0	13.30,0	8.15,0
40 – 49	19.20,0	11.75,0	11.85,0	7.25,0
30 – 39	14.85,0	9.10,0	9.20,0	5.60,0
20 – 29	10.55,0	6.45,0	6.50,0	4.00,0

B. Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira	
	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	29.30,0	20.00,0
40 — 49	26.10,0	17.80,0
30 — 39	20.20,0	13.80,0
20 — 29	14.35,0	9.80,0

Ċ. Pensjoni għal Invalidità

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni għal Invalidità	
	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	13.30,0	8.15,0
40 — 49	11.85.0	7.25,0
30 — 39	9.20,0	5.60,0
20 — 29	6.50,0	4.00,0

D. Pensjoni Miżjuda għal Invalidità

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Miżjuda għal Invalidità	
	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	25.90,0	16.60,0
40 — 49	23.05,0	14.75,0
30 — 39	17.85,0	11.45,0
20 — 29	12.70,0	8.15,0

E. Pensjoni ta' Armla

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni ta' Armla	
	Meta l-armla tkun intitolata għal pensjoni mingħand prinċipal tal-mejjet żewġha	Meta l-armla MA TKUNX intitolata għal pensjoni mingħand prinċipal tal-mejjet żewġha
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	14.60,0	15.95,0
40 — 49	13.00,0	14.20.0
30 — 39	10.10,0	11.00,0
20 — 29	7.15,0	7.80,0

F. Benefiċċju ta' Armla

Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju ta' Armla
Lm c m
16.85,0

G. Pensjoni Minima Nazzjonali

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Minima Nazzjonali	
	Raġel Miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	26.30,0	21.92,0
40 — 49	23.40,0	19.50.0
30 — 39	18.15,0	15.10,0
20 — 29	12.90,0	10.75,0

H. Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda li titħallas lil raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	
	Meta dak ir-raġel jiġi trattat bħala persuna impjegata	Meta dak ir-raġel jiġi trattat bħala persuna li timpjega lilha nnifisha
	Lm c m	Lm c m
50 jew iżjed (rata sħiħa)	30.50,0	27.20,0
40 — 49	27.15,0	24.20,0
30 — 39	21.05,0	18.75,0
20 — 29	14.95,0	13.35,0

I. Pensjoni ta' Ġenitur

Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni ta' Ġenitur	
Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
Lm c m 26.30,0	Lm c m 21.92.0

.".

59. It-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha titħassar.

Tħassir tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

60. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull talba ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet li dwarha proċeduri kriminali setgħu, qabel ma ġie fis-seħħ dak l-artikolu, inbdew skond l-artikolu 119 ta' l-Att prinċipali kif fis-seħħ dak in-nhar, meta dawk il-proċeduri ma jkunux ġew deċiżi b'mod finali. Mal-bidu fis-seħħ ta' l-imsemmi artikolu 46 ta' dan l-Att kull proċedura li nbdiet kif imsemmi qabel u li ma tkunx ġiet deċiża b'mod finali, għandha titqies li hi rtirata mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li jista' jieħu d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali biex jinforza t-talba għal ħlas ta' kontribuzzjonijiet li dwarha kienu nbdew dawk il-proċeduri.

Dispożizzjoni transitorja.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 357 tal-21 ta' Marzu, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati